MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 951/2009

Abdel Hamid **AL YASSIN**

vs

**ONOREVOLI MINISTRU TAL-POLITIKA SOĊJALI**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-1 ta' Ottubru, 2009, li bih u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-attur talab li din il-Qorti (a) tistħarreġ, għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, id-deċiżjoni meħuda mill-Ministru intimat fit-tlettax (13) ta' Settembru, elfejn u tnejn (2002) biex jinħareġ Ordni ta' Ħarsien tal-Minuri fir-rigward ta' ibnu minuri Gabriel Alyassin; u (b) li tħassar dak l-Ordni. Talab ukoll l-ispejjeż;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fis-27 ta' Ottubru, 2009, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-Ministru intimat laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-azzjoni attriċi waqgħet billi saret wara ż-żmien imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili u kif ukoll li l-azzjoni mibdija mill-attur ma tgħoddx għall-każ tiegħu għaliex huwa għandu rimedju ieħor taħt l-Att dwar it-Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet ta' Ħarsien) (Kap 285 tal-Liġijiet ta' Malta) li bih jista' jikkontesta d-deċiżjoni meħuda jew li jitlob ir-rimedju mixtieq. Fil-mertu laqa' billi żied jgħid li ma jeżistux ir-rekwiżiti tal-artikolu 469A u dan għaliex lanqas biss qiegħed jiġi allegat li seħħ xi ksur tal-Kostituzzjoni jew li d-deċiżjoni meħuda minnu kienet *ultra vires* għal xi waħda mir-raġunijiet magħrufa mil-liġi. Minbarra dan, meta Gabriel Alyassin tqiegħed taħt l-Ordni tal-Ħarsien, kien għad għandu ftit xhur u ommu kienet dipendenti fuq id-droga u kienet ukoll qed tiskonta piena fil-Faċilita' Korrettiva f'Kordin, u għalhekk kien tqies li l-minuri kien espost għal riskju. Hija kienet tat tagħrif li l-attur ma kienx jgħix f'Malta u ma kienx il-missier bijoloġiku tal-minuri. Ftit jiem wara li skontat il-piena fil-ħabs, l-omm mietet, u kien biss madwar sitt xhur wara li l-attur għamel kuntatt mal-ħaddiema soċjali tad-Dipartiment. Filwaqt li dejjem kien mgħarraf mill-ħaddiema soċjali dwar dak li kien għaddej minnu l-minuri, l-attur għamilha ċara li ma setax jieħu lit-tifel taħt idejh minħabba x-xogħol tiegħu u, filwaqt li l-minuri kien ilu qiegħed jinżamm f'dar residenzjali għat-tfal għal madwar erba' snin, l-attur ippropona li t-tifel imur joqgħod ma' persuna. Wara żmien jgħix magħha, l-ħaddiema soċjali dehrilhom li ma kienx qed jinżamm b'mod xieraq u kien għalhekk li irrikmandaw li t-tifel jitqiegħed fil-programm residenzjali K.I.D.S. Fl-aħħarnett, l-imħarrek qal li hija l-fehma tal-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u ż-Żgħażagħ u tal-ħaddiema soċjali u l-professjonisti involuti li l-attur m'huwiex f'qagħda li jieħu ħsieb il-minuri u m'huwiex fl-aħjar interess tal-istess minuri li l-Ordni tal-Ħarsien jitħassar;

Rat id-degriet tagħha tad-19 ta' Novembru, 2009, li bih ordnat li, qabel kull ħaġa oħra, għandhom jitressqu l-provi u ssir it-trattazzjoni tal-ewwel żewġ eċċezzjonijiet;

Semgħet ix-xhieda tal-imħarrek dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tas-16 ta' Frar, 2010, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju. L-attur irid li din il-Qorti tistħarreġ – għall-finijiet tal-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta – id-deċiżjoni tal-Ministru mħarrek li jordna l-ħruġ ta' Ordni ta' Ħarsien tal-Minuri f'Settembru tal-2002, dwar il-minuri Gabriel Elyassin, u li tħassar dak l-Ordni. Huwa jgħid li ma kienx ġie mgħarraf bl-ordni temporanju u għalhekk ma kellu qatt l-opportunita' li jikkontestah. B'żieda ma' dan, kull talba li huwa ressaq quddiem il-Bord Konsultattiv biex jitlob it-tħassir ta' dan l-Ordni, ma ntlaqgħetx;

Illi l-Ministru mħarrek laqa' b'għadd ta' eċċezzjonijiet, kemm ta' xejra preliminari u kif ukoll fil-mertu. Tnejn kienu l-eċċezzjonijiet ta' sura preliminari: (a) li l-attur naqas li jressaq l-azzjoni tiegħu fiż-żmien li trid il-liġi u (b) li f'kull każ, l-azzjoni tiegħu ma setgħetx titressaq għaliex huwa kellu u għad għandu rimedju xieraq mod ieħor skond il-liġi. Laqa' wkoll b'eżżezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

Illi bħala <u>fatti rilevanti li joħorġu mill-atti</u> jirriżulta li l-minuri Gabriel Alyassin twieled f'Malta fl-ewwel (1) ta' Ġunju,

2002[1], miż-żwieġ bejn l-attur u Iris Montesin. L-attur huwa reġistrat bħala l-missier. L-omm, li kienet tossikodipendenti, mietet f'Settembru tal-2002, u t-tarbija tqiegħdet taħt il-ħarsien tal-aġenzija *Appoġġ*. Fit-13 ta' Settembru, 2002, inħareġ l-Ordni tal-Ħarsien dwar it-tarbija mill-Ministru għall-Politika Soċjali ta' dak iż-żmien[2];

Illi f'Lulju tal-2003, l-attur ressaq talba quddiem il-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja biex jingħata l-kustodja tat-tarbija. Għal din it-talba l-Kap Eżekuttiv tal-imsemmija aġenzija ressaq oppożizzjoni u dan, fost l-oħrajn, minħabba l-Ordni ta' Ħarsien tal-Minuri maħruġ f'Settembru tas-sena ta' qabel. B'degriet tal-14 ta' Awissu, 2003[3], it-talba tar-rikorrent ma ntlaqgħetx, imma l-Qorti ordnat li hu jingħata aċċess għall-minuri darba fil-ġimgħa, u f'post indikat mill-imsemmija aġenzija;

Illi għall-ħabta tal-2006, l-attur kien ippropona li l-minuri jmur jgħix fid-dar ta' waħda Elena Falzon, liema proposta l-Bord Konsultativ dwar it-Tfal u Żgħażagħ stħarreġ fuq medda ta' żmien. Matul dak iż-żmien li l-minuri nżamm minn Falzon, il-ħaddiema soċjali dehrilhom li kien hemm ċirkostanzi li ħassbuhom, fejn tidħol iż-żamma ta' ndafa tal-mnuri, il-livell tal-kura li kienet tingħatalu u l-imġiba diffiċli tiegħu. Ittieħdet deċiżjoni li l-minuri ma jibqax aktar mal-imsemmija Falzon. Wara li t-tifel tneħħa mir-residenza ta' Elena Falzon, tqiegħed taħt il-*K.I.D.S. Programme* f'post fiż-Żejtun, immexxi mir-*Richmond Foundation*;

Fl-1 ta' Ottubru, 2009, infetħet din il-kawża. F'Diċembru tal-2009, il-Bord Konsultattiv dwar it-Tfal u Żgħażagħ, fl-eżerċizzju li minn żmien għal żmien jagħmel fuq il-minuri, irrakkomanda li l-attur ikun jista' joħroġ lit-tifel miegħu kull nhar ta' Sibt bla ma jkollu superviżjoni[4];

Illi l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin mal-eċċezzjonijiet taħt eżami jridu tabilfors jintrabtu mal-għażla tal-attur li jressaq l-azzjoni tiegħu bħala waħda ta' stħarriġ

[1] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[2] Dok "B", f'paġ. 26 tal-proċess
[3] Deg. Nru. 1222/03, f'paġ. 25 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Lara Debattista 16.2.2010, f'paġ. 16 tal-proċess

ġudizzjarju. Kemm hu hekk, iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari jgħoddu biss għal każ fejn persuna tressaq talba għal stħarriġ ġudizzjarju ta' għamil amministrativ. L-ewwel eċċezzjoni titkellem dwar iż-żmien sa meta trid titressaq azzjoni bħal din biex tattakka f'waqtu l-għamil amministrativ li jkun, u t-tieni waħda tirreferi għal jekk persuna tistax tinqeda bir-rimedju tal-proċedura ta' stħarriġ minn Qorti jekk kemm-il darba jirriżulta li għandha rimedju għall-ilment tagħha taħt qorti jew tribunal ieħor bis-saħħa ta' liġi speċjali oħra;

Illi huwa xieraq li l-Qorti tistħarreġ l-ewwel nett l-ewwel eċċezzjoni preliminari b'ordni loġiku, għaliex huwa ċar li jekk kemm-il darba kellha tilqagħha, ma jkunx meħtieġ li tistħarreġ ukoll it-tieni eċċezzjoni preliminari;

Illi bl-**ewwel eċċezzjoni preliminari**, l-Ministru mħarrek qiegħed jgħid li l-attur naqas li jressaq il-kawża fi żmien sitt xhur minn mindu seta' jmexxiha 'l quddiem. Din l-eċċezzjoni tinbena fuq dak li jipprovdi l-artikolu 469A(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Illi huwa llum il-ġurnata stabilit, li ż-żmien ta' sitt xhur imsemmi fl-artikolu 469A(3) tal-Kap 12 huwa wieħed ta' dekadenza[5]. Dan ifisser li tali terminu ma jiġix interrott jew sospiż bħalma jiġri fil-każ ta' terminu ta' preskrizzjoni. Fi kliem ieħor, l-atti ġudizzjarji li normalment jitqiesu bħala tajbin biex jinterrompu ż-żmien preskrittiv, jew il-fatt li jkunu għaddejjin diskussjonijiet bejn il-partijiet wara li jkun sar l-għamil amministrattiv ma jservu xejn biex iżommu l-mogħdija tas-sitt xhur li ssemmi l-liġi. Fuq kollox, fil-kliem innifsu tal-liġi, dak iż-żmien ta' sitt xhur japplika għal dawk il-każijiet ta' stħarriġ ġudizzjarju li jirreferu għal egħmil amministrattiv li jkun *ultra vires*: ma japplikax fil-każ ta' stħarriġ ta' egħmil amministrattiv li jingħad li jikser il-Kostituzzjoni;

Illi l-liġi ma ssemmi xejn dwar il-mod li bih parti mġarrba minn għamil amministrativ issir taf b'dak l-għamil li jkun.

[5] Ara fost l-oħrajn, P.A. RCP **2.2.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Gerard Żammit vs Awtorita' tal-Ippjanar et*** (mhix pubblikata) ; P.A. RCP **5.4.2001** (in parte) fil-kawża fl-ismijiet ***David Crisp vs Korporazzjoni Telemalta*** (mhix pubblikata) ; u App. Ċiv. **31.5.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Zamboni et noe vs Direttur tal-Kuntratti et*** (Kollez. Vol : **LXXXVI.ii.313**)

Il-liġi ma tgħidx li ż-żmien jibda għaddej minn meta l-parti interessata tirċievi tagħrif formali jew uffiċjali miktub dwar id-deċiżjoni[6]: tgħid biss li ż-żmien ta' sitt xhur jibda jgħaddi minn dak inhar li l-parti ssir taf jew messha ssir taf b'dak l-għamil, liema data tiġi l-ewwel;

Illi, madankollu, jrid jingħad li taħt it-tifsira ta' "għamil amministrattiv", il-liġi tinkludi wkoll ir-rifjut għal talba. Ir-rifjut ma jgħoddx fih biss iċ-ċaħda ta' talba imma wkoll in-nuqqas ta' għoti ta' deċiżjoni sa ċertu żmien minn meta ssir talba. F'każ bħal dan, iż-żmien meta nuqqas ta' deċiżjoni jitqies bħala rifjut jibda jgħaddi minn dak inhar li talba tiġi notifikata lill-awtorita' li tkun, u jekk kemm-il darba din l-awtorita' tonqos li tagħti deċiżjoni sa żmien xahrejn minn dik in-notifika;

Illi l-Ministru mħarrek jgħid li ladarba l-attur qiegħed jattakka l-Ordni tal-Ħarsien dwar il-minuri, iż-żmien biex l-attur iressaq il-kawża tiegħu kellu jibda għaddej minn dak inhar. L-Ordni nħarġet fit-13 ta' Settembru, 2002, u għalhekk il-kawża jmissha nfetħet sa Marzu tal-2003. Min-naħa tiegħu, l-attur iwarrab dan l-argument fuq żewġ raġunijiet: l-ewwel raġuni hi li huwa jgħid li ħadd ma għarrfu bl-Ordni tal-Ħarsien meta dan inħareġ, u għalhekk la kien jaf u lanqas seta' jkun jaf bih; it-tieni raġuni tal-attur hi li huwa jippretendi li l-kawża tiegħu m'hijiex maħsuba li twaqqa' d-deċiżjoni meħuda biex jinħareġ dak l-Ordni, imma waħda li tattakka l-proċess perjodiku ta' rivalutazzjoni li ssir kull tant żmien mill-Bord Konsultattiv dwar Tfal u Żgħażagħ, u li, għalhekk, iġġedded ta' kull darba ż-żmien li fih tista' tinfetaħ kawża ta' stħarriġ ġudizzjarju dwar dak il-proċess[7];

Illi l-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-attur f'dan ir-rigward. Fl-ewwel lok, kemm bosta mill-premessi tar-Rikors Maħluf u kif ukoll iż-żewġ talbiet attriċi jirreferu għall-Ordni tal-Ħarsien innifsu u mhux għall-proċess perjodiku tal-evalwazzjoni ta' dak l-Ordni. Fit-tieni lok, is-sitwazzjoni amministrativa nħalqet sewwasew bl-Ordni maħruġ mill-Ministru (li huwa l-persuna waħdanija li

---

[6] Ara P.A. GV **27.6.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Dennis Tanti vs Ministru għall-Iżvilupp Soċjali et***
[7] Ara r-Reg. 7 tal-A.L. 49 tal-1985 (L.S. 285.01)

tħarrket f'din il-kawża), u mhux bl-evalwazzjonijiet li setgħu saru qabel u li żgur saru minn żmien għal żmien wara li nħareġ dak l-Ordni: dan jingħad għaliex l-ebda evalwazzjoni tal-Bord m'għandha s-saħħa li taħlaq jew twaqqa' Ordni bħal dak (liema setgħa hi mogħtija mil-liġi lill-Ministru biss). Fit-tielet lok, ukoll kieku kellu jingħad li l-attur ma kienx mgħarraf bil-ħruġ tal-Ordni meta ngħata, ma għandu jibqa' l-ebda dubju li sa Awissu tal-2003, kien tabilfors mgħarraf bih matul il-proċedura meħuda minnu stess quddiem is-Sekond'Awla tal-Qorti Ċivili (kif kienet dak iż-żmien magħrufa l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) biex jitlobha tagħtih il-kustodja tal-minuri. Fir-raba' lok, hu l-attur innifsu li jiddikjara b'ġurament[8] li qabel fetaħ il-kawża kien "għamel diversi tentativi quddiem il-Bord Konsultativ dwar Tfal u Żgħażagħ sabiex l-Ordni għall-Ħarsien jiġi revokat": tali tentativi, min-natura tagħhom, ma setgħux ma kinux mifruxin fuq medda ġmielha ta' xhur li jidher li bdew minn xi l-2006;

Illi dawn iċ-ċirkostanzi kollha juru li ż-żmien li l-attur kellu biex jattakka l-imsemmi Ordni b'azzjoni speċjali taħt l-artikolu 469A tal-Kapitolu 12 kien ilu li għalaq ħafna żmien qabel infetħet din il-kawża;

Illi għalhekk, il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Ministru mħarrek;

Illi l-Qorti m'għandhiex għalfejn tgħaddi biex tistħarreġ is-siwi tat-**tieni eċċezzjoni preliminari**, ladarba sejra tilqa' l-ewwel eċċezzjoni. Iżda ma jidhrilhiex li tagħmel ħażin li tinnota li din it-tieni eċċezzjoni kienet tajba wkoll. Dan jingħad għaliex matul iż-żmien li din il-kawża kienet qiegħda tinstema' ntwera bla dubju li l-attur tassew għad għandu rimedji effettivi u xierqa kontra l-effetti tal-imsemmi Ordni u li, saħansitra fil-mori tal-kawża, l-qagħda tar-relazzjoni tiegħu mal-minuri tjiebet sewwasew bis-saħħa tat-tħaddim tal-imsemmija rimedji;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

[8] Ara s-sitt premessa tar-Rikors Maħluf

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni preliminari** tal-Ministru mħarrek, u tiddikjara li l-azzjoni attriċi nbdiet wara ż-żmien mogħti mil-liġi lill-attur liema azzjoni hija għalhekk perenta; u

**Tiċħad it-talbiet attriċi,** bl-ispejjeż kontra l-istess attur.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------